# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRMINALI

**Maġistrat Dr. Noel Bartolo**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D.**

ILLUM 1 TA' Frar 2022

**Il-Pulizija**
**(Spettur Gabriel Micallef)**
**(Spettur Daryl Borg)**

**vs.**

**Gabriel Giuseppe Munda**
**detentur tal-Karta tal-Identita**
**Maltija bin-numru 172252A**

**Kump. Numru: 48/2022**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-imputat **Gabriel Giuseppe Munda ta' 23 sena, bin Giovanni u Lina nee' Lauria, imwieled l-Italja nhar il-05 ta Frar 1998 u residenti gewwa 'Cloverville Apartments', Flat 2, Triq Ir- Rihan Mellieha, detentur tal- karta tal-identita Maltija bin-numru 172252A** akkużat talli:

Nhar il-31 ta' Jannar 2022 gewwa l-istabbiliment 'Forestals' li jinsab fi Triq Zekka, l-Belt Valletta:

1. Ikkomometta serq ta' Kompjuter (Laptop) liema serq huwa kwalifikat bil-valur ta' aktar minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda anqas minn elfejn, tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu

(€2,329.37) ghad dannu ta' Dylan Caruana u/jew persuni u/jew entitajiet ohra u dan bi ksur tal-Artikoli 261 u 267 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti proċesswali kollha.

Semgħet, waqt is-seduta tallum, lill-imputat jammetti l-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tiegħu u semgħetu jikkonferma l-ammissjoni tiegħu anke wara li l-Qorti tagħtu żmien jikkunsidra l-pożizzjoni tiegħu.

Semgħet is-sottomissjonijiet kongunti tal-prosekuzzjoni u d-difdiza dwar il-piena idonea li għandha tiġi nflitta fil-konfront tal-imputat u dana fir-rigward tal-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tiegħu.

***IKKUNSIDRAT***

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet kollha miġjuba fil-konfront tiegħu u dawn għalhekk ġew sodisfaċentement pruvati.

Illi, meta tigi biex tikkunsidra l-piena li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat, il-Qorti qieset is-sottomissjonijiet mressqa mill-partijiet u hadet in konsiderazzjoni diversi fatturi, fosthom: in-natura tar-reati addebitati fil-konfront tal-imputat, l-ammissjoni bikrija tieghu, il-fedina penali (Dok. "GM 2"), li hija wahda kompletament nadifa, il-fatt li kkopera mal-Pulizija u kif ukoll li r-*res furtiva* giet ritornata u hi f'kundizzjoni tajba.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat Artikoli 261(c), 267, u 279(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, issib lill-**imputat Gabriel Giuseppe Munda detentur tal-Karta tal-Identita Maltija bin-numru 172252A** hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu u b'applikazzjoni tal-Artikolu 22(1) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tillibera lill-imputat bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien sentejn mil-lum;

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u l-konsegwenzi skond il-Ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor fil-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

Fir-rigward tat-talba tal-Prosekuzzjoni kif kontenuta fiċ-*charge sheet* fejn il-Qorti ġiet mitluba sabiex, f'każ ta' ħtija, tikkundanna lill-imputat għall-ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tiċħad tali talba stante li ma jirriżultax li gew imqabbda l-ebda esperti jew periti fil-proċeduri.

Finalment, il-Qorti tordna li, ai termini ta' l-Artikolu 392A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-atti kollha ta' dawn il-proceduri u kopja ta' din is-sentenza jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien moghti mil-Ligi.

___________________
**Dr. Noel Bartolo**
**MAĠISTRAT**

___________________
**Mario Spiteri**
**Deputat Reġistratur**